# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 28 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 641/00**

**Numru 51**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Christian Ripard**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u disgha u hamsin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm259.82) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 414485 (skond kif jirrizulta mill-"statement" anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 107, Main Street, Mosta, u dana skond ma kif jidher mis-"service agreement" anness mal-avviz Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 2000 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok A u Dok B a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Wara li rat in-nota tal-istess konvenut tas-16 ta' Marzu 2001 li biha ammetta t-talbiet attrici.

Wara li rat, ukoll, li l-istess konvenut, imsejjah fis-seduta tallum ma deherx.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm259.82,0 bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 2000 u tat-taxxa fuq id-drittjiet professjonali.

Alan Calleja
Dep.Reg